MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 82/2012

**Carmelo sive Charlie Galea**

**Vs**

**Francis Refalo u Krystle Refalo**

Il-Qorti,

Rat illi r-rikorrenti ppremetta :

1. Illi permezz ta' ftehim datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) l-attur bhala s-sid ittrasferixxa lill-konvenuti b'titolu ta' hire purchase, il-vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni ABR-231 kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'A';

2. Illi dan it-trasferiment kellu jsir versu l-prezz globali ta' ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) pari ghal tlieta u

ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin Ewro (€23,293) illi kellhom jithallsu in kwantu ghal tmintax-il elf sitt mija u hamsa u tletin Ewro (€18,635) f'rati mensili u in kwantu ghar-rimanenti erbat elef sitt mija u tmienja u hamsin Ewro (€4,658) il-konvenuti kellhom jittrasferixxu l-vettura tal-marka Opel Tigra bin-numru ta' registrazzjoni KBF 712 lill-attur, liema vettura kienet giet stmata ghall-valur ta' €4,658;

3. Illi dakinhar stess tal-ftehim il-konvenuti hallsu depozitu ta' elfejn Ewro (€2,000) u obbligaw ruhhom li jhallsu l-bilanc li kien ghadu dovut f'pagamenti ta' mitejn u tmenin Ewro (€280) fil-gimgha;

4. Illi sal-lum il-konvenuti hallsu b'kollox is-somma ta' ghaxart elef hames mija u sebgha u ghoxrin Ewro (€10,527), liema ammont thallas f'diversi pagamenti;

5. Illi meta l-attur mar idawwar il-vettura tal-marka Opel Tigra li kellha tkun moghtija bhala parti mill-prezz huwa sab li kien hemm l-ammont ta' elfejn hames mija u hmistax-il Ewro u tnejn u sittin centezmu (€2,515.62) dovuti bhala citazzjonijiet illi qatt ma thallsu u ghalhekk din il-vettura baqghet qatt ma giet ittrasferita lill-attur u ghadha sal-lum fuq isem il-konvenuti;

6. Illi permezz ta' sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fil-25 ta' Novembru 2011 fil-kawza nru 3/2011JD fl-ismijiet 'Carmelo sive Charlie Galea vs Francis Refalo et' gie deciz li l-vettura tal-marka Opel Tigra bin-numru ta' registrazzjoni KBF 712 fuq imsemmija ghandha tibqa' proprjeta' tal-konvenuti u konsegwentement il-konvenuti gew iddikjarati debituri fil-konfront tal-attur fl-ammont ta' €15,745 liema ammont jirraprezenta l-bilanc tal-prezz tal-vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni ABR 231 [kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'B'];

7. Illi ghalhekk l-attur ghadu proprjetarju tal-vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni ABR

231 peress illi l-konvenuti naqsu milli jhallsu parti sostanzjali tal-prezz u cioe’ l-ammont ta’ €15,745;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin-numru ta’ registrazzjoni ABR 231 kienet u ghadha proprjeta’ tal-attur stante li din kienet giet akkwistata mill-konvenuti bis-sahha ta’ kuntratt ta’ hire-purchase tat-22 ta’ Frar 2008 u l-prezz tal-bejgh taghha baqa’ sal-lum ghadu ma thallasx lill-attur mill-istess konvenuti;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jghaddu din il-vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin- numru ta’ registrazzjoni ABR 231 fil-pussess tal-attur u jiffirmaw id-dokumenti kollha relattivi sabiex din il-vettura ma tibqax fuq isimhom;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali nru 65/2012 u tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment ma’ din il-kawza.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti gew debitament notifikati u li ma pprezentaw l-ebda risposta guramentata u ghaldaqstant jinsabu fi stat ta’ kontumacja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat li fis-seduta tal-5 ta’ Dicembru, 2012 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tallum.

**Ikkunsidrat:**

Illi t-talba attrici tinsab soddisfacentement ippruvata. Referenza ssir hawnhekk ghal dak stipulat bejn l-attur u l-konvenuti fil-ftehim iffirmat bejniethom ossija li *‘il-vettura tibqa’ proprjeta’ assoluta tas-sid sakemm jithallas il-prezz u l-imghax miftehma’.* Jirrizulta li ghad fadal bilanc dovut lill-istess attur.

Illi minn ezami tal-istess kuntratt esebit a fol 7 tal-process jirrizulta li dak il-ftehim huwa *hire purchase agreement* jew inkella kif komunimament imsejjah f'termini legali *pactum com riservata dominii* li l-effett tieghu huwa dak deskritt fis-sentenza fl-ismijiet "**V. Bonnett vs G Azzopardi**" (A.K. 28 ta' Gunju 1922) fejn intqal li: "*In-natura ntrinsika ta' dan il-kuntratt hija li fih zewg stadji ben distinti. Is-sid ta' l-oggett jittrasferixxi lill-kerrej l-uzu u l-pussess ta' l-oggett ghall-kirja specifika, b'dan li l-proprjeta` ta' l-oggett ma tghaddix ghand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imhallas kollu. Il-venditur jibqa' legalment konsidrat li hu s-sid ta' l-oggett u l-proprjeta` tieghu ma tghaddix lill-venditur sakemm il-prezz tieghu ma jkunx gie saldat"* (vide "**G Degiorgio vs E Micallef**" - A.C. fis-16 ta' Dicembru 1936 (Vol XXIX.i.1438; "**Negozjant Alfredo Muscat vs G Bonnici et**" – A.C. 8 ta' Frar 1935 - (Vol XXIX.i.89); "**Lieutenant Colonel Robert Strickland vs David Shepherd**" (A.C. 21 ta' Jannar 1951 (Vol XXXV.iii.530)

Ghaldaqstant ghall-motivi suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u dan billi:

1. Tiddikjara li l-vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni ABR 231 kienet u ghada proprjeta' tal-attur stante li din kienet giet akkwistata mill-konvenuti bis-sahha ta' kuntratt ta' hire-purchase tat-22 ta' Frar 2008 u l-prezz tal-bejgh taghha baqa' sal-lum ghadu ma thallasx lill-attur mill-istess konvenuti;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) jum jghaddu din il-vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin- numru ta' registrazzjoni ABR 231 fil-pussess tal-attur u jiffirmaw id-dokumenti kollha relattivi sabiex din il-vettura ma tibqax fuq isimhom;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali nru 65/2012 u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju li gie ipprezentat kontestwalment ma' din il-kawza a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------